MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 114/2003

Il-Pulizija
Vs

Mario Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, naqas li jhallas lil Mary Rose Borg, il-manteniment dovut lilha fis-somma ta’ LM35.00 fil-gimgha kif ukoll is-somma ta’ LM55.00 fil-gimgha dovuti bhala manteniment ghall-minuri Matlene u Mirayah ghax-xahar kollu ta’ Frar, 2003 u Marzu 2003, u dan bi ksur tad-digriet tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ Jannar, 2002 liema digriet ikkonferma illi l-manteniment li hu ghandu jhallas lil Mary Rose Borg huwa dak indikat fid-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili numru 396/2000 datat 21 ta’ Marzu, 2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Gunju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-detenzjoni ghall-perjodu ta' hmistax (15) il-gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponent minn kull htija w piena, jekk dina l-Onorabbli hekk tara xieraq, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu izda, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tirrevoka s-sentenza in kwantu ghall-piena nflitta w tirreduci l-istess in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz jew, jekk dina l-Onorabbli hekk tara xieraq, u in vista tal-pendenza tal-proceduri istitwiti mill-esponent ghar-revoka jew riforma tal-manteniment ordnat, tissoprassjedi sakemm l-ezitu tal-imsemmija proceduri jkun maghruf u mbaghad tipprocedi kif tara xieraq.

Fliet l-atti processwali;

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti u cioe’ li minhabba l-interazzjoni ta’ diversi fatturi u partikolarment it-tnaqqis drastiku fid-dhul tieghu w l-incarcerazzjoni ripetuta tieghu, hu jinsab fl-impossibilita’ assoluta illi jobdi l-ordni tal-Qorti dwar il-hlas tal-mantenimenent . Illi skond il-gurisprudenza prevalenti u l-ekwita’ huwa ma ghandux ibaghti pieni kriminali bhala mera possibilita’ ta’ revoka jew modifika jekk huwa jinsab fi grad juri (jekk inhu manifestament il-kaz prezenti) (Sic!) illi huwa jinsab f’ impossibilita’ ta’ esekuzzjoni ta’ obbligu ta’ hlas gravanti lilu u li huwa pproceda fit-tribunal kompetenti sabiex jindirizza tali impossibilita’.

Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tas-16 t’ Ottubru, 2003,

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tal-istess seduta ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;

Rat id-differiment taghha ghas-sentenza ghal-lum b'dana li, in vista tal-possibilita' li jista' jkun hemm xi Digriet tal-Qorti Civili Prim' Awla li bih jigi varjat anki retroattivament il-manteniment li l-appellant irid ihallas lil martu , ordnat li kopja tal-istess digriet kellha tigi esebita fi zmien jumejn u, f'kaz li ssehh xi separazzjoni kontrattwali fil-frattemp, kellu jigi esebit il-kuntratt relattiv b' nota fi zmien jumejn minn meta jigi pubblikat .

Rat li pero' sal-lum ebda Digriet jew kuntratt ta' separazzjoni ma gie esebit;

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu (fol.2) u ma xehedx . Xehdet biss martu Mary Rose Borg. Quddiem din il-Qorti Mary Rose Borg ikkonfermat li ghad ghandha tiehu manteniment ta' sena w ghalkemm l-appellant kien ghamel xi pagamenti bin-nieqes , ghax-xhur ta' Frar u Marzu, 2003, imsemmija fic-citazzjoni, baqa' ma hallas xejn.

Illi rrizulta li l-appellant kellu negozju ta' forn tal-hobs li pero' issa sar inattiv ghal xi raguni li jaf hu , peress li f' dawn il-proceduri baqa' ma xehedx .

Illi f'dan l-istat tal-provi , id-difiza tieghu bazata fuq l-impossibilita' ma hix sorretta mill-icken prova w dak li hemm espost fir-rikors tal-appell bhala fatti ma jirrizultax mill-atti . Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu .

Illi apparti din il-konsiderazzjoni ta' nuqqas ta' prova tal-fatt , kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (**Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 )** il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura

kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . Hu biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta' manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta' Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha . (ara ukoll **App. Krim. "Pulizija vs. Alfred Camilleri " [18.9.2002] )**

Illi l-aggravju tal-appellant li ma setax jottempera ruhu mall-ordni tal-Qorti li ikkundannatu jhallas manteniment ghax hu kien inkarcerat ripetutament huwa assolutament infondat. Dan ghaliex meta ntbaghat il-habs , dan kien ghaliex proprju kien naqas li jobdi l-ordni tal-Qorti w jhallas il-manteniment ghal xhur precedenti w ghalhekk zgur li ma jistax jadduci bhala raguni ghall-ksur tal-ligi , il-konsegwenzi ta' ksur tal-ligi precedenti da parti tieghu.

Illi ghar-rigward tal-possibilita' ta' xi Digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jvarja l-ordni tal-manteniment , anki retroattivament , din il-Qorti tat l-opportunita' lill-appellant li jaghmel prova ta' dan jekk ikun il-kaz u akkordat differiment mill-itwqal li setghat tati taht ic-cirkostanzi , pero' sal-lum minkejja li l-appellant inghata l-fakolta' li jipprezenta kopja ta' tali digriet eventwali jew ta' xi kuntratt ta' separazjoni , baqa' ma esebixxa xejn u ghalhekk id-Digriet tal-Prim' Awla imsemmi fil-komparixxi ghadu

vinkolanti fuq l-appellant . Ghalhekk anki dan l-aggravju ma giex sostnut.

Lanqas ma hu l-kaz li din il-Qorti tissopprassjedi sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi rikors li l-appellant seta' ntavola quddiem il-Qorti kompetenti ghall-varjazzjoni tad-Digriet tal-manteniment , kif talab in subordine l-appellant fir-rikors tal-appell.

Illi umbaghad mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu gja gie sentenzjat erba (4) darbiet fuq akkuzi simili ghal dik mertu ta' dan l-appell u fil-waqt li fl-ewwel okkazzjoni gie kundannat ghall-hlas ta' piena pekunjarja, fit-tlitt okkazzjonijiet sussegwenti – tnejn minnhom addirittura bis-sentenza konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta, hu gie kundannat ghall-piena karcerarja . Milli jidher izda l-appellant ma jridx jaccetta li jrid josserva l-ligi w l-ordni tal-Qorti w qed jagixxi bi sfida tal-istess ordinament guridiku. Ghalhekk ma hemm ebda lok ghal xi temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata w peress li jidher li dan l-appell hu manifestament appell fieragh , wara li rat l-artikolu 429 (2) u (3) tal-Kap. 9 , tiddikjara l-appell tal-appellant bhala wiehed fieragh u tikkundanna lill-appellant ghall-hlas t' ammenda ta' hamsa w sebghin lira Maltin (LM75) pagabbli minnufieh , u f'kaz li ma jithallsux il-lum stess, jigu konvertiti awtomatikament fi hmistax (15) il-jum iehor detenzjoni skond l-artikolu 13 (2) tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------